



Kunsill Ewropew

Brussell, 10 ta' April 2019
(OR. en)

EUCO XT 20015/19

BXT 40
CO EUR 9
CONCL 4

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew (Art. 50) (10 ta' April 2019) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet¹ isibu meħmużin il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew (Art. 50) fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

¹ Wara notifika skont l-Artikolu 50 TUE, il-membri tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li hienegħ ma għandux jipparteeipa fid-diskussjonijiet tal-Kunsill Ewropew jew f'deeiżjonijiet li jikkoneernawh.

1. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-ittra tal-Prim Ministru Theresa May tal-5 ta' April 2019 fejn talbet estensjoni ulterjuri tal-perijodu msemmi fl-Artikolu 50(3) TUE.
2. Bi tweġiba, il-Kunsill Ewropew jaqbel li tingħata estensjoni sabiex tkun possibbli r-ratifika tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Tali estensjoni ma għandhiex iddum aktar milli neċessarju u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2019. Jekk il-Ftehim dwar il-Ħruġ jiġi ratifikat miż-żewġ partijiet qabel din id-data, il-ħruġ ser iseħħ fl-ewwel jum tax-xahar li jkun imiss.
3. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja li l-estensjoni ma tistax titħalla ddgħajef il-funzjonament regolari tal-Unjoni u l-istituzzjonijiet tagħha. Jekk ir-Renju Unit ikun għadu Membru tal-UE fit-23-26 ta' Mejju 2019 u jekk ikun għadu ma rratifikax il-Ftehim dwar il-Ħruġ sat-22 ta' Mejju 2019, huwa jrid jorganizza l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Jekk ir-Renju Unit jonqos milli jissodisfa dan l-obbligu, il-ħruġ ser iseħħ fl-1 ta' Ġunju 2019.
4. Il-Kunsill Ewropew itenni li ma jista' jkun hemm ebda ftuħ tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, u li kwalunkwe impenn, dikjarazzjoni jew att ieħor unilaterali għandu jkun kompatibbli mal-kelma u l-ispiritu tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u jeħtieġ li ma jfixkilx l-implimentazzjoni tiegħu.
5. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza li tali estensjoni ma tistax tintuża biex jinbdew negozjati dwar ir-relazzjoni futura. Madankollu, jekk il-pożizzjoni tar-Renju Unit tevolvi, il-Kunsill Ewropew huwa lest li jikkunsidra mill-ġdid id-Dikjarazzjoni Politika dwar ir-relazzjoni futura f'konformità mal-pożizzjonijiet u l-prinċipji stipulati fil-linji gwida u d-dikjarazzjonijiet tiegħu, inkluż fir-rigward tal-ambitu territorjali tar-relazzjoni futura.
6. Il-Kunsill Ewropew jinnota li, matul l-estensjoni, ir-Renju Unit ser jibqa' Stat Membru bi drittijiet u obbligi sħaħ f'konformità mal-Artikolu 50 TUE, u li r-Renju Unit għandu dritt li jirrevoka n-notifika tiegħu fi kwalunkwe ħin.

7. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-impenn min-naħa tar-Renju Unit li jaġixxi b'mod kostruttiv u responsabbli matul l-estensjoni f'konformità mad-dmir ta' kooperazzjoni leali u jistenna li r-Renju Unit jissodisfa dan l-impenn u l-obbligu tat-Trattat b'mod li jirrifletti s-sitwazzjoni tiegħu bħala Stat Membru li ħiereġ. Għal dan il-għan, ir-Renju Unit għandu jiffaċilita l-ksib tal-kompiti tal-Unjoni u joqgħod lura milli jwettaq kwalunkwe miżura li tista' tipperikola l-ksib tal-oġġettivi tal-Unjoni, b'mod partikolari meta jipparteċipa fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni.
 8. Minbarra laqgħat skont l-Artikolu 50 TUE, is-27 Stat Membru u l-Kummissjoni ser ikomplu, fejn xieraq flimkien mal-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni, jiltaqgħu b'mod separat fil-livelli kollha biex jiddiskutu kwistjonijiet relatati mas-sitwazzjoni ta' wara l-ħruġ tar-Renju Unit.
 9. Il-Kunsill Ewropew ser jibqa' jsegwi din il-kwistjoni u ser jirrieżamina l-progress fil-laqgħa tiegħu f'Ġunju 2019.
-